MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1268/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Iktar Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm55.64) rappresentanti in kwantu ghal Lm47.15, royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 010664 (Dokument A anness ma'l-avviz), b'liema licenzja is-socjeta konvenuta giet moghtija d-dritt li ixxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment Café' l'Antika,

Mosta u Lm8.49 Taxxa fuq il-valur Mizjud ghall-perijodu mis-6 ta’ Ottubru 2003 sal-5 ta’ Ottubru 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tal-31 ta’ Dicembru 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta konvenuta.

Ra n-nota ipprezentata mis-socjeta attrici nomine fl-24 ta’ Settembru 2004 fejn hija cediet is-sorte tal-kawza stante pagament fil-mori mis-socjeta konvenuta, izda zammet ferm il-kap ta’l-ispejjes.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata, bagqhet ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta skond il-ligi.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebit.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ra n-nota ipprezentata mis-socjeta attrici fl-24 ta’ Settembru 2004, jastjeni milli ikompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici nomine l-ispejjez kollha ta’ dina l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------